

Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10113/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0144 (NLE)

IXIM 124
JAI 837
ENFOPOL 200
CRIMORG 103
JAIEX 59
AVIATION 78
DATAPROTECT 114
N 30

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 282 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 282 final.

Mehmuż: COM(2025) 282 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2025
COM(2025) 282 final

2025/0144 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Din il-proposta tikkonċerna l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim mar-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR, Passenger Name Record) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("il-Ftehim").

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-infurzar tal-liġi, inkluż dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, huwa essenzjali biex jiġu indirizzati t-theddid mit-terroriżmu u l-kriminalità tranżnazzjonali serja. L-aħħar rapport tal-Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA, Serious and Organised Crime Threat Assessment) ippubblikat mill-Europol¹ juri d-dimensjoni internazzjonali tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-kriminalità l-aktar serji. Barra minn hekk, l-aħħar Rapport tiegħu tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT, Terrorism Situation and Trend Report)² jenfasizza mhux biss ir-rabtiet diretti bejn l-ivvjaġġar tranżnazzjonali u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet terroristiċi u l-kriminalità serja, iżda wkoll l-importanza li jiġu identifikati, investigati u mħarrka b'mod effettiv reati kriminali serji oħra għall-prevenzjoni u l-iskoperta ta' reati terroristiċi.

Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) hija informazzjoni pprovduta mill-passiġġieri u miġbura mis-sistemi ta' prenotazzjoni u ta' kontroll tat-tluq tat-trasportaturi tal-ajru u miżmuma fihom għall-finijiet kummerċjali tagħhom stess. Il-kontenut tad-data tal-PNR ivarja skont l-informazzjoni mogħtija matul il-proċess tal-prenotazzjoni u taċ-check-in u jista' jinkludi, pereżempju, id-dati tal-ivvjaġġar u l-itinerarju sħiħ tal-ivvjaġġar tal-passiġġier jew tal-grupp ta' passiġġieri li jivvjaġġaw flimkien, id-dettalji ta' kuntatt bħall-indirizz u n-numru tat-telefown, l-informazzjoni dwar il-ħlas, in-numru tal-post u l-informazzjoni dwar il-bagalji.

Il-ġbir u l-analiżi tad-data tal-PNR jistgħu jipprovdu lill-awtoritajiet b'elementi importanti li jippermettulhom jiskopru xejriet ta' vvjaġġar suspettużi u jidentifikaw l-assoċjati tal-kriminali u tat-terroristi, b'mod partikolari dawk li qabel ma kinux magħrufa mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Għaldaqstant, l-ipproċessar tad-data tal-PNR sar għodda tal-infurzar tal-liġi użat b'mod wiesa', fl-UE u lil hinn minnha, biex jinkixfu t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja, bħal reati relatati mad-droga, it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u biex jiġi evitat it-twettiq ta' tali kriminalità. Wera wkoll li jikkostitwixxi sors importanti ta' informazzjoni biex jappoġġa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet fejn ikunu twettqu tali attivitajiet illegali³.

Filwaqt li kruċjali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, it-trasferiment tad-data tal-PNR lil pajjiżi terzi kif ukoll l-ipproċessar mill-awtoritajiet tagħhom jikkostitwixxi interferenza fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi fir-rigward tad-data personali tagħhom. Għal din ir-raġuni, dan jirrikjedi bażi legali skont id-dritt tal-UE u jrid ikun neċessarju,

¹ [Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata \(SOCTA\) | Europol](#)

² <https://www.europol.europa.eu/publication-events/main-reports/european-union-terrorism-situation-and-trend-report-2024-eu-te-sat>

³ Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tad-Direttiva (UE) 2016/681 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja; COM(2020) 305 final (24.07.2020).

proporzjonat u soġġett għal limitazzjonijiet stretti u għal salvagwardji effettivi, kif iggarantit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari fl-Artikoli 6, 7, 8, 21, 47 u 52 tagħha. Il-kisba ta' dawn l-oġġettivi importanti tirrikjedi li jinstab bilanċ ġust bejn l-oġġettiv leġittimu li tinżamm is-sigurtà pubblika u d-dritt ta' kull persuna għat-tgawdija tal-protezzjoni tad-data personali u l-ħajja privata.

Fl-2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw id-Direttiva (UE) 2016/681 dwar l-użu tad-data tal-PNR għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("id-Direttiva dwar il-PNR")⁴. Din id-Direttiva tirregola t-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tal-PNR fl-Unjoni Ewropea u tistabbilixxi salvagwardji importanti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. F'Ġunju 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) fis-Sentenza tagħha fil-kawża C-817/19, ikkonfermat il-validità u l-konformità ta' din id-Direttiva mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mat-Trattati tal-Unjoni⁵.

In-Norveġja u l-Istati Membri tal-Unjoni li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Schengen⁶ għandhom responsabbiltà kondviża li jiżguraw is-sigurtà interna f'żona komuni mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni rilevanti. L-ipproċessar tad-data tal-PNR wera l-potenzjal li jtejjeb is-sigurtà taż-żona Schengen, billi jtejjeb il-prevenzjoni u l-iskoperta ta' kriminalità serja u terroriżmu fil-fruntieri esterni u billi jipprovdi approċċ ibbazzat fuq ir-riskju mmexxi mid-data għall-użu tal-Istati Membri fiż-żona Schengen bħala miżura ta' kumpens għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni⁷.

In-Norveġja adottat leġislazzjoni domestika dwar il-PNR u l-awtorità kompetenti tagħha li nħatret biex tirċievi u tipproċessa d-data tal-PNR dwar it-titjiriet li jinżlu jew jitolqu mill-ajruporti tagħha bdiet topera f'Settembru 2022.

Skont id-dritt tal-Unjoni, it-trasferiment ta' kwalunkwe data personali mill-Unjoni lil pajjiż terz jista' jseħħ biss jekk dak il-pajjiż jiżgura livell ta' protezzjoni tad-data personali li jkun essenzjalment ekwivalenti għal dak garantit għal dik id-data personali fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li n-Norveġja ma hijiex pajjiż terz skont it-tifsira tal-Kapitolu V tar-Regolament 2016/679⁸ peress li dan ir-Regolament ġie inkorporat b'adattamenti fl-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Madankollu, il-qafas tar-regoli stabbilit f'dak ir-Regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali, inkluża d-data tal-PNR, mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tan-Norveġja għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-

⁴ Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132–149), minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Direttiva dwar il-PNR" jew id-"Direttiva (UE) 2016/681".

⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-21 ta' Ġunju 2022 "Ligue des droits humains ASBL vs Conseil des ministres", C-817/19, EU:C:2022:491. Is-Sentenza kienet tikkonċerna talba għal deċiżjoni preliminari mill-Cour Constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali) tal-Belġju.

⁶ Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom. Ġurnal Uffiċjali L 239, 22/09/2000 P. 0019 – 0062.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ", COM(2021)277 final, (02.06.2021), paġna 13.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE). ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.

investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra t-theddid għas-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni tiegħu. Fl-istess ħin, minħabba li skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' Schengen bejn l-UE u n-Norveġja tal-1999, in-Norveġja hija marbuta mill-atti tal-Unjoni li jikkostitwixxu żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, hija mistennija tapplika d-Direttiva (UE) 2016/680 b'mod simili bħall-Istati Membri tal-UE. Madankollu, id-Direttiva dwar il-PNR ma tikkostitwix żvilupp tal-acquis ta' Schengen, għalhekk in-Norveġja ma tipparteċipax fl-implimentazzjoni ta' dan l-istrument legali.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, jiġifieri fin-nuqqas ta' salvagwardji xierqa fir-rigward tal-ipproċessar speċifiku tad-data tal-PNR, li għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' bażi legali valida kif meħtieġ mid-dritt tal-UE, in-Norveġja ma tistax tirċievi u tipproċessa legalment data tal-PNR dwar titjiriet operati minn trasportaturi tal-ajru bejn l-Unjoni u n-Norveġja.

Fid-dawl ta' dan, fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni, li tipproponi li l-Kunsill jawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja.⁹ B'mod parallel, hija rrakkomandat ukoll il-ftuħ ta' negozjati ta' ftehimiet bħal dawn mal-Konfederazzjoni Żvizzera¹⁰ u mal-Iżlanda¹¹. Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill ipprova l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-ftuħ tan-negozjati u adotta direttivi ta' negozjati.¹²

L-għan ta' dan il-Ftehim hu li jitnaqqas dan id-distakk fis-sigurtà eżistenti fiż-żona Schengen, u biex ikun jista' jsir it-trasferiment tad-data tal-PNR mill-Unjoni lin-Norveġja b'rikonossiment tal-ħtieġa li tintuża d-data tal-PNR bħala għodda essenzjali fil-għieda kontra t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja.

In-negozjati man-Norveġja kif ukoll mal-Iżlanda u mal-Konfederazzjoni Żvizzera bdew fil-21 ta' Marzu 2024. Fid-9 ta' April 2025, in-negozjaturi ewlenin inizjalaw it-test tal-ftehim u b'hekk ikkonkludew formalment in-negozjati.

Il-koleġislaturi ġew infurmati matul il-proċess tan-negozjati u kkonsultati fl-istadji kollha tan-negozjati, b'mod partikolari billi rrapportaw lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Kunsill (IXIM, Working Party on Justice and Home Affairs Information Exchange) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew (LIBE, Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs).

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet il-linji ġenerali tal-politika esterna tal-UE dwar il-PNR f'Komunikazzjoni tal-2003¹³ dwar l-approċċ tal-UE lejn it-trasferimenti tad-data tal-PNR mill-UE lil pajjiżi terzi, li ġew riveduti f'Komunikazzjoni adottata fl-2010¹⁴. Bħalissa hemm tliet ftehimiet internazzjonali fis-seħħ bejn l-UE u pajjiżi terzi, jiġifieri l-Awstralja¹⁵, l-Istati

⁹ COM(2023) 507 final (6.9.2023)

¹⁰ COM(2023) 509 final (6.9.2023)

¹¹ COM(2023) 508 final (6.9.2023)

¹² ĠU L, 2024/948, 25.3.2024.

¹³ COM(2003) 826 final (16.12.2003).

¹⁴ KUMM(2010) 492 finali (21.09.2010).

¹⁵ ĠU L 186, 14.7.2012, p. 4–16.

Uniti¹⁶ (2012) u r-Renju Unit¹⁷ (2020) li jkopru t-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tal-PNR mill-UE. Wara n-negozjati li seggew l-Opinjoni 1/15 tal-QĠUE tas-26 ta' Lulju 2017,¹⁸ ġie ffirmat Ftehim ġdid dwar il-PNR fl-4 ta' Ottubru 2024.¹⁹

Fil-livell internazzjonali, għadd dejjem jikber ta' pajjiżi terzi bdew jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom biex jiġbru d-data tal-PNR mit-trasportaturi tal-ajru. Din ix-xejra hija xprunata aktar minn Riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (fl-2017 u fl-2019), li jirrikjedu li l-Istati kollha jiżviluppaw il-kapaċità li jiġbru u jużaw id-data tal-PNR²⁰, li abbażi tagħha ġew adottati Standards u Prattiki Rakkomandati (SARPs, Standards and Recommended Practices) dwar il-PNR mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organization,) fl-2020, permezz tal-Emenda 28 tal-Anness 9 tal-Konvenzjoni ta' Chicago li saret applikabbli fi Frar 2021.²¹

Il-pożizzjoni tal-Unjoni, kif stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/121, tilqa' l-SARPs tal-ICAO dwar il-PNR bħala li jstabbilixxu salvagwardji ambizzjużi dwar il-protezzjoni tad-data u b'hekk jippermettu li jsir progress sinifikanti fil-livell internazzjonali. Fl-istess ħin, din id-Deċiżjoni tal-Kunsill qieset, billi talbet lill-Istati Membri jirreġistraw differenza, li r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni (inkluża l-ġurisprudenza rilevanti), huma *aktar eżiġenti* minn ċerti Standards tal-ICAO, u li t-trasferimenti mill-UE lil pajjiżi terzi jirrikjedu bażi legali li tistabbilixxi regoli u salvagwardji ċari u preċiżi fir-rigward tal-użu tad-data tal-PNR mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi²².

F'dan il-kuntest, in-negozjar u l-konklużjoni ta' dan il-Ftehim jikkostitwixxu parti minn sforz usa' tal-Kummissjoni biex issegwi approċċ konsistenti u effettiv rigward it-trasferiment tad-data tal-PNR lil pajjiżi terzi, kif imħabbar fl-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025²³, filwaqt li tibni fuq is-SARPs tal-ICAO dwar il-PNR, u f'konformità mal-liġi u l-ġurisprudenza tal-Unjoni. Approċċ bħal dan intalab ukoll mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2021²⁴.

¹⁶ ĠU L 215, 11.8.2012, p. 5–14.

¹⁷ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 710 – 735.

¹⁸ UE:C:2017:592.

¹⁹ ĠU L, 2024/2891, 14.11.2024.

²⁰ UNSCR 2396 (2017): “Il-Kunsill tas-Sigurtà: [...] 12. Jiddeċiedi li l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw il-kapaċità li jiġbru, jipproċessaw u janalizzaw, b'segwitu għall-istandards u l-prattiki rakkomandati tal-ICAO, id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) u jiżguraw li d-data tal-PNR tintuża mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha tagħhom u tiġi kondiviża magħhom, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għall-fini tal-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u l-ivvjaġġar relatat, [...]”. Ara wkoll l-UNSCR 2482 (2019).

²¹ L-Anness 9, il-Kapitolu 9, it-Taqsima D tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

²² ĠU L 37, 3.2.2021, p. 6-9.

²³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020)605 final (24.7.2020): [...] bħala azzjoni ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni se tniedi rieżami tal-approċċ attwali dwar it-trasferiment ta' data tal-PNR lejn pajjiżi terzi.”.

²⁴ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2021 dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Awstralja u l-Istati Uniti, għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, Dokument tal-Kunsill 9605/21 tat-8 ta' Ġunju 2021: “*Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi approċċ konsistenti u effettiv rigward it-trasferiment tad-data tal-PNR lil pajjiżi terzi għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, filwaqt li tibni fuq is-SARPs tal-ICAO, u f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.*”

B'dan, il-Kummissjoni tffittex ukoll li twieġeb għal sejħiet minn trasportaturi tal-ajru biex tiżgura aktar ċarezza legali u prevedibbiltà dwar it-trasferimenti tal-PNR lil pajjiżi terzi²⁵.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

L-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjoni “li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni provviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ.” Peress li l-għan tal-proposta huwa li tingħata awtorizzazzjoni biex il-ftehim jiġi ffirmat, il-bażi legali proċedurali hija l-Artikolu 218(5) TFUE.

Il-proposta għandha żewġ għanijiet u komponenti ewlenin, wieħed relatat mal-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika permezz tat-trasferiment tad-data tal-PNR lin-Norveġja u l-ieħor mal-protezzjoni tal-privatezza u drittijiet u libertajiet fundamentali oħra tal-individwi. B'hekk, il-bażi legali sostantiva hija l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

• Proporzjonalità

L-oġettivi tal-Unjoni fir-rigward ta' din il-proposta kif stabbiliti hawn fuq jistgħu jintlaħqu biss billi tiġi stabbilita bażi legali valida fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat li tingħata protezzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali lit-trasferimenti ta' data personali mill-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-ftehim huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi ewlenin tiegħu u jinstab bilanċ ġust bejn l-oġettiv leġittimu li tinżamm is-sigurtà pubblika u d-dritt ta' kull persuna għat-tgawdija tal-protezzjoni tad-data personali u l-ħajja privata.

• Għażla tal-istrument

Is-salvagwardji xierqa meħtieġa għall-ipproċessar speċifiku tad-data tal-PNR riċevuta min-Norveġja minn trasportaturi tal-ajru fuq titjiriet operati minn trasportaturi tal-ajru bejn l-Unjoni u n-Norveġja għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' bażi legali valida skont il-liġi tal-UE. Dan il-Ftehim jikkostitwixxi tali bażi legali li tippermetti t-trasferimenti tad-data tal-PNR.

• Drittijiet fundamentali

L-iskambju ta' data tal-PNR u l-ipproċessar tagħha mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Madankollu, tali interferenza hija ġġustifikata wkoll minħabba li l-Ftehim għandu oġettivi leġittimi, jiġifieri l-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja. Il-Ftehim jinkludi salvagwardji xierqa tal-protezzjoni tad-data fejn tidħol id-data personali trasferita u pproċessata, f'konformità mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja fuq il-baġit tal-Unjoni.

²⁵ Kif innotat mit-trasportaturi tal-ajru, inkluż bi tveġiba għall-konsultazzjoni dwar il-Pjan Direzzjonali, huma qed isibu ruħhom dejjem aktar f'sitwazzjoni ta' “kunflitt tal-liġijiet” bejn żewġ oqfsa regolatorji differenti, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12531-Air-travel-sharing-passenger-name-data-within-the-EU-and-beyond-assessment_mt.

4. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Ftehim, f'allinjament sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u d-direttivi ta' negozjati, jipprevedi l-bażi legali, il-kundizzjonijiet u s-salvagwardji għat-trasferiment lin-Norveġja u l-ipproċessar minnha tad-data tal-PNR riċevuta mit-trasportaturi tal-ajru mill-Unjoni:

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-oġettivi tal-Ftehim.

L-Artikolu 2 jinkludi definizzjonijiet ewlenin tal-Ftehim, *inter alia* tal-“Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri” (PIU, Passenger Information Unit) tan-Norveġja bħala l-awtorità kompetenti maħtura responsabbli għall-ipproċessar tad-data tal-PNR u tat-termini “kriminalità serja” u “terroriżmu”, f'konformità ma' kif dawn il-kunċetti ġew definiti fi strumenti legali rilevanti oħra tal-UE;

L-Artikolu 3 jirregola l-metodu u l-frekwenza tat-trasferimenti tad-data tal-PNR mil-linji tal-ajru lill-PIU Norveġiża bl-għan li jiġi żgurat li t-trasferimenti tad-data tal-PNR jinżammu għall-minimu meħtieġ u jkunu proporzjonati għall-fini speċifikata fil-Ftehim.

L-Artikolu 4 jipprevedi soluzzjoni teknika komuni billi jinkludi l-possibbiltà għan-Norveġja li tagħmel użu mir-router API-PNR stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2025/13²⁶ u kif previst mill-Artikolu 10(c) ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-limitazzjoni tal-iskop – jiġifieri l-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja – b'mod eżawrjenti għall-ipproċessar kollu tal-PNR kopert mill-Ftehim.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi t-tliet modalitajiet speċifiċi għall-ipproċessar tad-data tal-PNR riċevuta skont il-Ftehim mill-PIU Norveġiża.

L-Artikolu 7 jipprevedi salvagwardji addizzjonali għat-twettiq ta' “valutazzjoni f'ħin reali” u jillimita l-ipproċessar awtomatizzat tad-data tal-PNR.

L-Artikolu 8 jipprevedi projbizzjoni tal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data tal-PNR f'konformità ma' kif dan il-kunċett ġie definit fl-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

L-Artikolu 9 jipprevedi livell għoli ta' sigurtà tad-data tal-PNR riċevuta skont il-Ftehim u jiżgura notifiċi tal-ksur tas-sigurtà tad-data lill-awtorità superviżorja Norveġiża maħtura għall-protezzjoni tad-data.

L-Artikolu 10 jipprevedi ż-żamma ta' reġistri u dokumentazzjoni tal-ipproċessar kollu tal-PNR.

L-Artikolu 11 jinkludi regoli għall-ħżin ristrett tad-data tal-PNR bil-ħsieb li jiġi żgurat li tali data ma tinħażinx għal żmien itwal minn dak li huwa meħtieġ u b'mod proporzjonat mal-oġettiv imfittex minn dan il-Ftehim. F'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din id-dispożizzjoni tirrikjedi rabta oġġettiva bejn id-data tal-PNR li għandha tinżamm u l-oġettivi tal-ftehim, u tagħmel il-perjodu ta' żamma soġġett għal rieżamijiet regolari mill-PIU Norveġiża.

L-Artikolu 12 jirrikjedi lill-PIU Norveġiża biex tiddepersonalizza d-data tal-PNR mhux aktar tard minn 6 xhur wara.

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2025/13 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818.

L-Artikolu 13 jinkludi regoli u kundizzjonijiet għad-divulgazzjoni tad-data tal-PNR fin-Norveġja, pereż. billi tali divulgazzjonijiet ikunu limitati għall-awtoritajiet b'funzjonijiet relatati mal-finijiet tal-Ftehim u billi tintalab approvazzjoni minn qabel minn awtorità ġudizzjarja jew korp indipendenti ieħor għal tali divulgazzjonijiet.

L-Artikolu 14 jinkludi regoli u kundizzjonijiet għad-divulgazzjoni tad-data tal-PNR barra min-Norveġja, pereż. billi tali divulgazzjonijiet ikunu limitati għall-pajjiżi terzi li magħhom l-UE kkonkludiet ftehim komparabbli jew li l-UE adottat deċiżjoni ta' adegwatezza rilevanti għalihom u billi tintalab approvazzjoni minn qabel minn awtorità ġudizzjarja jew korp indipendenti ieħor għal tali divulgazzjonijiet.

L-Artikolu 15 irawwem il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja permezz tal-iskambju tad-data tal-PNR jew tar-risultati tal-ipproċessar tad-data tal-PNR, bejn il-PIU Norveġiża u l-PIUs tal-Istati Membri tal-Unjoni, kif ukoll bejn il-PIU Norveġiża, minn naħa waħda, u l-Europol jew il-Eurojust fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, min-naħa l-oħra.

L-Artikolu 16 jirrikjedi lin-Norveġja biex tapplika l-istess drittijiet u obbligi tad-Direttiva (UE) 2016/680 għall-ipproċessar tad-data personali skont dan il-Ftehim u li tali pproċessar għandu jkun sorveljat minn awtorità indipendenti stabbilita f'konformità mal-implimentazzjoni min-Norveġja ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 17 jinkludi obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni, inkluż rekwiżit biex l-individwi jiġu nnotifikati dwar id-divulgazzjoni tad-data tal-PNR tagħhom.

L-Artikolu 18 jipprevedi obbligu għan-Norveġja li tinnotifika l-identità tal-PIU Norveġiża u tal-awtorità superviżorja nazzjonali.

L-Artikolu 19 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

L-Artikolu 20 jipprevedi s-soluzzjoni tat-tilwim u l-mekkaniżmi ta' sospensjoni.

L-Artikolu 21 jipprevedi l-possibbiltà għal kull Parti li tittermina l-Ftehim fi kwalunkwe ħin.

L-Artikolu 22 jipprevedi r-regoli għall-emendi tal-Ftehim.

L-Artikolu 23 jipprevedi l-evalwazzjoni konġunta tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

L-Artikolu 24 fih klawżola rigward l-applikazzjoni territorjali tal-Ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16(2), u l-Artikolu 87(2), il-punt (a) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Marzu 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR, Passenger Name Record) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fid-9 ta' April 2025.
- (2) Il-Ftehim jippermetti t-trasferiment tad-data tal-PNR mit-trasportaturi tal-ajru mill-Unjoni lir-Renju tan-Norveġja b'rispett sħiħ tad-drittijiet previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, partikolarment id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta. B'mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji xierqa għall-protezzjoni ta' data personali trasferita skont il-Ftehim.
- (3) Il-Ftehim irawwem il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju tan-Norveġja u dawk tal-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll il-Europol u l-Eurojust, bl-għan li jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom li jsaħħu l-fruntieri esterni kif ukoll jiżguraw b'mod effettiv is-sigurtà interna fin-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen.
- (4) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.] JEW [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [, b'ittra ta' ...,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.].
- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

- (6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-Opinjoni [xxx] tiegħu fi [xx.xx.xxxx].
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.¹

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

¹ It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni tal-konklużjoni tiegħu.